MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Numru 1087/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Portelli)**
**vs**
**Mario Buhagiar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mario Buhagiar** ta' 38 sena, bin Charles u Mary Rose nee' Bezzina, mwieled Valletta nhar id-19 ta' Lulju, 1968, residenti 'Brandon Flats' flat 4, Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 378168(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer f'diversi lokalitajiet nhar it-30 ta' Settembru, u fil-jiem ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

Talli fil-Florjana fid-29 ta’ Settembru, 2005 f’xi hin wara nofsinhar ikkommettejt serq ta’ apparat tal-HiFi (front panel ta’ CD player ta’ l-ghamla Clarion), minn vettura ta’ ghamla Ford Focus bin-numru tar-registrazzjoni ZZZ-013, ghad-detriment ta’ Charlotte Zammit minn Hal-Ghaxaq, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fl-isemmija vettura ZZZ-013, liema hsara li teccedi Lm10 izda inqas minn Lm50, saret ghad-dannu ta’ l-imsemmija Charlotte Zammit;

Talli fil-Belt Valletta fit-30 ta’ Settembru, 2005 f’xi hin filghodu,
ikkommettejt serq ta’ apparat tal-HiFi minn vettura ta’ ghamla Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni KBA-191, ghad-detriment ta’ James Aguis minn Marsaskala, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fl-imsemmija vettura ta’ ghamla Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni ZZZ-013, liema hsara li teccedi Lm10 izda inqas minn Lm50, saret ghad-dannu ta’ l-imsemmi James Aguis;

Talli nhar it-30 ta’ Settembru, 2005 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew b’kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

u aktar talli ksirt ordni ta’ probation moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta Dr. Lawrence Quintano LL.D datata 8 ta’ Frar, 2005;

u fl-ahharnett talli rrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilek mill-Qorti ta’ Malta Awla numru 1

datata 10 t'Awissu, 1993 liema sentenza saret definittivi u ma tistghax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u konsegwentement issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b) (g), 263, 271, 278 (2), 325 (c), 334 (a), 17, 49 u 50 tal-Kap 9 u 23 (1) tal-Kap 446;

Rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi l-imputat mexa l-perkors kollu minn liberazzjoni kundizzjonata sa habs effettiv fuq diversi delitti li jfissier sia li dawn ma kellhom ebda effett fuqu kif ukoll illi din il-Qorti ma tistax turi aktar hniena mieghu. Ghalhekk qed tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' seba (7) xhur fuq l-ewwel akkuza, xahar (1) prigunerija fuq it-tieni akkuza; seba (7) xhur prigunerija fuq it-tielet akkuza, xahar (1) prigunerija fuq ir-raba akkuza u titratta mal-hati dwar il-ksur tal-liberta' kondizzjonata u cioe' s-sitt akkuza billi tikkundannah ghal terminu ta' (6) xhur prigunerija u ghalhekk ghal-total ta' tnejn u ghoxrin xahar (22) prigunerija mil-lum. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames akkuza stante li dan huwa kap alternattiv ghal-ewwel u t-tielet akkuzi;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------